

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1309

tas-26 ta' Lulju 2022

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 rigward ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Malus domestica* li joriġinaw mill-Ukrajna u mis-Serbja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Abbażi ta' valutazzjoni preliminari, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019⁽²⁾ jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018⁽³⁾ jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031 għal dawk il-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.
- (3) Wara valutazzjoni preliminari, fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 iddaħħlu 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw mill-pajjiżi terzi, bħala pjanti ta' riskju għoli. Dak l-Anness jinkludi l-ġeneru *Malus* Mill.
- (4) Fit-18 ta' Ottubru 2019, l-Ukrajna ressqet talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' salvaġġ ta' bejn sena u tliet snin u pjanti mlaqqmin għat-tħawwil tal-*Malus domestica* li huma inattivi u bl-għeruq mikxufin. Dik it-talba kienet sostnuta mid-dossier tekniku rilevanti.
- (5) Fit-30 ta' Settembru 2021, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' komodità tal-pjanti għat-tħawwil tal-*Malus domestica* mill-Ukrajna⁽⁴⁾. L-Awtorità identifikat il-*Lopholeucaspis japonica*, l-*Eotetranychus prunicola*, il-virus tar-ringspot tat-tabakk u l-*Erwinia amylovora* bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil.
- (6) L-Awtorità evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju deskritti fid-dossier għal-*Lopholeucaspis japonica*, l-*Eotetranychus prunicola* u l-virus tar-ringspot tat-tabakk u stmat il-probabbiltà tal-ħelsien tal-komodità minn dawk il-pesti. Fir-rigward tal-*Erwinia amylovora*, l-Awtorità evalwat jekk ir-rekwiżiti speċjali għall-introduzzjoni u l-moviment fiż-żoni protetti speċifikati, elenkati fil-punt 9 tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072⁽⁵⁾, tal-pjanti *Malus* Mill., għajr il-frott u ż-żrieragħ, humiex issodisfati.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitari għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju ta' pjanti b'riskju għoli, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fit-tifsira tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 7).

⁽⁴⁾ Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2021. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Malus domestica* plants from Ukraine. EFSA Journal 2021;19(11):6909, 58 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6909>.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

- (7) Abbażi tal-opinjoni xjentifika tal-Awtorità, ir-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni fl-Unjoni ta' salvaġġ inattiv ta' mhux aktar minn tliet snin, bl-għerq mikxufin u ta' pjanti mlaqqmin għat-tħawwil tal-*Malus domestica* li joriġinaw mill-Ukrajna jitqies aċċettabbli, sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-importazzjoni speċjali rispettivi stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u mar-rekwiżiti speċjali għaż-żoni protetti stabbiliti fil-punt 9 tal-Anness X tiegħu.
- (8) Il-*Lopholeucapsis japonica* u l-virus tar-ringspot tat-tabakk huma elenkati bħala pesti ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072. L-*Erwinia amylovora* hija elenkata bħala pest ta' kwarantina f'żona protetta u bħala pest irregolat mhux ta' kwarantina fl-Unjoni fl-Anness III u fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 rispettivament, u fil-punt 9 tal-Anness X ta' dak ir-Regolament huma stabbiliti rekwiżiti speċjali għall-prevenzjoni tad-dħul u t-tixrid tal-pest fiż-żoni protetti speċifikati.
- (9) L-*Eotetranychus prunicola* għadha mhijiex inkluża fil-lista tal-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni. Madankollu, abbażi tal-evidenza pprovduta mill-Istati Membri, l-impatt ta' dak il-pest fuq il-pjanti ospitanti tiegħu fl-Unjoni mhuwiex sinifikanti. Għaldaqstant, ma huma meħtieġa l-eċċa rekwiżiti tal-importazzjoni fir-rigward ta' dak il-pest.
- (10) Għalhekk, jixraq li s-salvaġġ inattiv ta' mhux aktar minn tliet snin, bl-għerq mikxufin, u l-pjanti mlaqqmin għat-tħawwil tal-*Malus domestica* li joriġinaw mill-Ukrajna ma jibqgħux jitqiesu bħala pjanti ta' riskju għoli.
- (11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1361 ⁽⁶⁾ emenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 billi jispeċifika li huwa pprojbit li tiġi introdotta fl-Unjoni l-*Malus* Mill., għajr il-pjanti ta' sena sa sentejn, bl-għerq mikxufin, inattivi u mlaqqmin għat-tħawwil tal-*Malus domestica* li joriġinaw mis-Serbja. Madankollu, permezz ta' ommissjoni, dak ir-Regolament ma jispeċifikax li daww il-pjanti għat-tħawwil jenħtieġ li jkunu mingħajr weraq, f'konformità mal-opinjoni xjentifika rilevanti tal-EFSA ⁽⁷⁾. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-ommissjoni tiġi kkoreġuta.
- (12) Għalhekk, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jenħtieġ li jiġi emendat u kkoreġut kif xieraq.
- (13) Jenħtieġ li sabiex ikun hemm konformità mal-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji ⁽⁸⁾, l-importazzjoni ta' salvaġġ inattiv ta' mhux aktar minn tliet snin, bl-għerq mikxufin, u ta' pjanti mlaqqmin għat-tħawwil tal-*Malus domestica* li joriġinaw mill-Ukrajna tissokta fl-iqsar żmien possibbli.
- (14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat u kkoreġut f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1361 tat-30 ta' Settembru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 rigward ċerti pjanti tal-*Malus domestica* għat-tħawwil li joriġinaw mis-Serbja, u ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Acer japonicum* Thunberg, tal-*Acer palmatum* Thunberg u tal-*Acer shirasawanum* Koidzumi, li joriġinaw minn New Zealand (ĠU L 317, 1.10.2020, p. 1).

⁽⁷⁾ Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2020. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Malus domestica* plants from Serbia. EFSA Journal 2020;18(5):6109, 53 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6109>.

⁽⁸⁾ Ftehim dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (Ftehim SPS) (adottat fil-15 ta' April 1994, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995; volum 1867 tal-UNTS, p. 493); L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, https://www.wto.org/english/tratop_e/sps_e/spsagr_e.htm.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fit-tabella fil-punt 1, fit-tieni kolonna "Deskrizzjoni", l-entrata "*Malus* Mill., għajr pjanti għat-tħawwil ta' bejn sena u sentejn, bl-għeruq mikxufin, inattivi, imlaqqmin tal-*Malus domestica* li joriġinaw mis-Serbja" hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Malus* Mill., għajr:

- pjanti għat-tħawwil ta' bejn sena u sentejn, bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq, imlaqqmin tal-*Malus domestica* li joriġinaw mis-Serbja;
 - salvaġġ ta' mhux aktar minn tliet snin, bl-għeruq mikxufin, inattiv, mingħajr weraq tal-*Malus domestica* li joriġina mill-Ukrajna; u
 - pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn tliet snin, bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq, imlaqqmin tal-*Malus domestica* li joriġinaw mill-Ukrajna".
-